ĦAŻ-ŻABBAR

Citta` Hompesch

**Minuti tal-444 laqgħa tal-Kunsill li saret**
**nhar it-Tnejn 19 ta' Jannar, 2015**

Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Vella, Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) u s-Sinjura Anna Calleja.

Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6.40 ta' filgħaxija u l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Katrin Busuttil, daħlet għal-laqgħa fis-6.55 ta' filgħaxija.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-ħames paragrafu ta' paġna 220, u minflok il-kliem "saret il-laqgħa" jidħol il-kliem "talbet li ssir il-laqgħa" possibilment qabel l-1 ta' Frar, 2015.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fit-tnax -il paragrafu ta' paġna 220, u wara l-kliem "*soft areas* f'Ħaż-Żabbar" jiżdiedu l-kliem "peress illi din il-laqgħa kellha ssir u ġiet posposta minn Dr R Cuschieri peress illi kien indispost.

Il-minuti tal-443 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

Fis-6.40 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għall-laqgħa.

Item 3 - Punti li joħorġu mill-Minuti

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa x'kien sar dwar l-ilment li ressaq sabiex tiġi rranġata parti minn Triq San Ġużepp peress illi r-resident li joqgħod *The Mumbles*, Triq San Ġużepp kien qed jidħollu l-ilma tax-xita fil-*basement*. Is-Sindku qal illi kien ser jiltaqa` mal-Perit dan il-każ.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa fhiex kien wasal il-proċess għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13). Is-Segretarju qal illi kien ser jidher l-avviż tas-sejħa pubblika fil-ġurnali lokali fil-ġranet li ġejjin.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet f'hiex waslu id-diskussjonijiet dwar il-*lift* peress illi kien għadu bil-ħsara. Is-Sindku qal illi fil-ġranet li ġejjin kienet ser issir laqgħa mad-Direttur tal-kumpanija Central Trading Co Limited biex tinstab soluzzjoni.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, l-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill iħallas l-ispejjeż sabiex il-lift jissewwa.

Is-Sur Brian Spiteri staqsa fhiex kien wasal il-proċess għall-għoti tal-offerti għall-Ġbir ta' Skart Domestiku. Is-Sindku qal illi dawn l-offerti kienu nfetħu u ser jitressqu għad-deċiżjoni tal-Kunsill wara li jiġu kjarifikati xi punti legali.

Fis-6.55 ta' filgħaxija l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil daħlet għal-laqgħa.

Item 4 - Qari tal-Minuti tas-Sotto Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto-Kumitati għall-Persuni b'Diżabilità u Inklużjoni Soċjali. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

Is-Sur Mark Grech talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex is-Sinjuri Mark Anthony Mamo, Christian Mercieca, Katrin Busuttil, Tiffany Bonavia, Andrea Camilleri, Michael Buhagiar, Filippa Magro, Nathan Attard, Malcolm Schembri u Brendon Sciberas isservu fis-Sotto-kumitat għaż-Żgħażagħ u Edukazzjoni. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Mark Grech u l-Kunsill qabel unanimament mal-ħatra ta' dawn il-membri.

Item 7 – Korrispondenza

Inqara invit mibgħut mill-Grupp tal-Films fi ħdan il-Paroċċa li flimkien mal-Kunsill Ċiviku stiednu lis-Sindku, lill-Kunsillieri u staff jattendu għal-wiri ta' film li ser isir kull l-aħħar Ġimgħa ta' kull xahar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel dwar marċ tal-Karnival li propost jsir b'kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar nhar il-Ħadd 15 ta' Frar, 2015 u il-Programm Vokali u Strumentali ġewwa s-Sala Notre Dame lejliet Ħadd n-Nies, nhar is-Sibt, 21 ta' Frar 2015. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attivitajiet mużikali flimkien mal-għaqda, liema spiża m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €1,163.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Thomas Debono minn Transport Malta dwar talba li saret mis-Sur Alexander Azzopardi, Direttur tal-kumpanija Flower Land biex tiġi armata tinda sabiex isir bejgħ ta' fjuri matul it-12 u l-14 ta' Frar, 2015 fi Triq il-Mina ta' Hompesch. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius (Is-Sway) li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata permess lis-Sur Alexander Azzopardi skont il-kundizzjonijiet maħruġa minn Transport Malta.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill *invoice* li rċieva mingħand is-Sur Charles Mizzi f'isem il-Kappillan tal-Parroċċa dwar talba għal-ħlas għall-użu tas-sala tal-Kappillan. Il-ħlas mitlub kien ta' €250 għall-attivita` mtella' flimkien mac-*China Cultural Centre*, €350 għall-attivita` ta' Jum Ħaż-Żabbar u €200 għall-attivitajiet tal-*aerobics* li saru bejn Novembru 2013 u Jannar 2014 u €350 għall-attivitajiet tal-*aerobics* li saru bejn Frar 2014 u Mejju 2014. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel b'9 voti favur u 2 voti kontra li jitħallsu l-kontijiet kollha mitluba mill-Kappillan għall-użu tas-sala.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Scicluna li talab sabiex jiġu mibdula żewġ bollards mkissra u minflok issir crash barrier quddiem ir-residenza 200, Simpatica, Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar. Is-Sur Scicluna reġa talab sabiex jiġu mwaħħla *speed cameras* fi Triq Wied il-Għajn peress illi minflok *speed cameras* kienu twaħħlu tabelli ta' *speed limits*.

Is-Sur Mark Grech staqsa f'liema parti ta' Triq Wied il-Għajn kienu twaħħlu l-*speed limits*. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi dawn kienu twaħħlu fil-viċinanzi ta' Sqaq tal-Għargħar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Dorothy Scicluna, *Senior Staff Nurse* mill-Kura Primarja tas-Saħħa fejn talbet lill-Kunsill jagħmel reklamar fil-fuljett tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni tal-proġett Klinika Għal-Ħarsien tas-Saħħa li ġie imniedi fil-klinika ta' Ħaż-Żabbar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Farrugia Christopher fejn talab il-permess tal-Kunsill sabiex jagħmel attivita' ta' divertiment pubbliku b'kollaborazzjoni mal-*Inspire* fil-venda l-

antika f'Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku l-Kunsill qabel unanimament li jagħti permess sabiex issir din l-attivita`.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Saviour Borg fejn talab lill-Kunsill sabiex jipprovdi t-Teatru Grieg tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jsiru l-provi ta' grupp ta' mużiċisti *Freeways*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, l-Kunsill qabel unanimament li tintalab aktar informazzjoni dwar il-ġranet u l-ħinijiet li għalih kien qed jagħmel it-talba għall-użu tat-teatru.

Item 5 - Skeda tal-Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 24 ta' Diċembru, 2014 sad-19 ta' Jannar, 2015 li kien jammonta għal €104,978.71. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash* għax-xahar ta' Diċembru, 2014 li kien jammonta għal €55.98.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill risposta għat-talba li saret mis-Sur John J Pace dwar it-titqiba kontra l-influenza. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ispiża totali kienet tammonta għal €665.23 u n-numru ta' siegħat provdut mill-infermiera kien ta' erbgħa u sittin siegħa. Is-Sur Joseph Vella qal li s-siegħat tal-infirmiera kienu mqassma fuq sitt ijiem.

Is-Sur John J Pace qal illi jixtieq iktar informazzjoni bħal kemm kienu inkitbu nies sabiex jinġiebu *injections* l-Kunsill u kemm kien fadal *injections.*

Is-Sur Joseph Vella qal illi din l-informazzjoni kienet ser tinġieb f'laqgħa oħra.

Is-Sur John J Pace qal illi din is-sena ma setax jgħati tilqima kontra l-influenza għax kien jinsab indispost pero jekk is-sena d-dieħla jingħata s-Sotto Kumitat tas-Saħħa huwa kien lest li jieħu ħsieb li jagħti t-tilqima.

Item 9 - Deċiżjoni dwar il-kuntratti

Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali ta' Traffiku (ZLC 2/2012)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali ta' Traffiku (ZLC 2/2012) kien ser jagħlaq fis-16 ta' April, 2015. Dan il-kuntratt ma jistax jerġa` jiġi mġedded u trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

Item 8 - Mozzjoni dwar l-attendenza tal-Kunsillieri għal-laqgħat tal-Kunsill

Is-Sindku rrefera għall-mozzjoni mressqa mis-Sur Joe Bonnici u ssekondata mill-Viċi-Sindku dwar in-nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat tal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien jaqbel mal-prinċipju li l-Kunsilliera għandhom jitħallsu għal meta ma attendewx iżda ma kienx jaqbel mal-kliem li ntuża fil-mozzjoni.

Is-Sur Brian Spiteri qal illi huwa jaqbel mal-prinċipju li l-Kunsilliera għandhom jitħallsu imma ma jaqbilx mal-mod kif inkitbet il-mozzjoni. Fl-opinjoni tas-Sur Spiteri il-kliem tal-mozzjoni seta` jkun iktar sempliċi.

Is-Sur Joe Aguis qal li huwa wkoll jaqbel mal-prinċipju li l-Kunsilliera għandhom jitħallsu imma jħoss illi ma kienx hemm bżonn ta' dettalji żejda fil-mozzjoni.

Il-Viċ-Sindku qal illi huwa ma kienx qed jattendi għal-laqgħat għax ma riedx ikun parteċipi.

Is-Sur John J Pace qal illi ma kienx ser jivvota favur il-mozzjoni sakemm ma jsirx tibdil fil-kliem tal-mozzjoni. Is-Sur Pace qal illi madanakollu jaqbel mal-prinċipju li l-Kunsillieri jitħallsu.

Is-Sur Joe Bonnici qal illi l-mozzjoni kienet inkitbet b'dak il-mod għax riedet tingħata r-raġuni għaliex il-Kunsillieri ma kienux attendew għall-laqgħat. Is-Sur Joseph Bonnici qal illi kien qed jemenda l-mozzjoni u minflok il-kliem "ma nkunux kompliċi" jidħol il-kliem "ma nattendux minħabba l-aġir tas-Sindku". Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, l-Kunsill qabel unanimament li ssir l-emenda fil-mozzjoni.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mil-Viċi-Sindku, l-Kunsill qabel b'disa voti favur, vot kontra u astenzjoni waħda li tintalab l-awtorizzazzjoni biex il-Kunsillieri li kienu assenti għal-laqgħat fil-perjodu mistenni jitħallsu.

Is-Sur Mark Grech qal illi huwa ma kienx qed jattendi għal-laqgħat minħabba l-aġir tal-ex Sindku u qal li kien qiegħed jirrinunzja għall-*allowance* sabiex ikun konsistenti ma dak li kien qed jgħid qabel.

Item 6 - Nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr

Fit-8.00 ta' filgħaxija l-Viċi-Sindku talab li jkun skużat.

Ġieħ Ħaż-Żabbar

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) ippropona li Ġieħ Ħaż-Żabbar jingħata lis-Sur Rene Zerafa għall-ħidma tiegħu ma Puttinu Cares. Is-Sur Joseph Vella issekonda lis-Sur Agius (Is-Sway) u l-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Rene Zerafa jingħata Ġieħ Ħaż-Żabbar.

Is-Sur John J Pace ippropona li Ġieħ Ħaż-Żabbar jingħata lil Dun Ġużepp Farrugia għall-ħidma tiegħu fid-djoċesi ta' Malta. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur John J Pace u l-Kunsill qabel unanimament li Dun Ġużepp Farrugia jieħu Ġieħ Ħaż-Żabbar.

Ċertifikat ta' Ħajr

Fit-8.15 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Agius (Is-Sway) talab li jkun skużat.

Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Dorian Mallia żeffien tal-ballet.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Laurence Bugelli għal-ħidma tiegħu fil-qasam soċjali u volontarjat.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-sopran Marvic Monreal.

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lill-organista s-Sur Robert Buhagiar.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lill-koppja Maryanne Borg u Joe Borg, Ċentru Sant Andrija għal-ħidma tagħhom.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lil Fr Luke Seguna għal-ħidma pastorali tiegħu fil-komunita`.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Chrysander Agius għall-impenn tiegħu fil-qasam tal-ispettaklu.

<u>Item - 10 Attivita` *Christmas Village (Post-Mortem)*</u>

Is-Sindku qal li l-attivita` *Christmas Village* ġiet tiġi tiswa madwar €25,000.

Is-Sur John J Pace staqsa jekk kienux inġibu fondi mill-Gvern Ċentrali sabiex ikopri parti mill-ispejjeż tal-*Christmas Village*.

Is-Sindku qal illi l-ispiża tal-Christmas Village saret kollha mill-fondi tal-Kunsill pero is-sena d-dieħla kienet ser tintalab l-għajnuna tal-Gvern Ċentrali.

Is-Sinjura Anna Calleja qalet li ma kienetx irċeviet flyers relatati mal-attivita` tal-*Christmas Village*.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi jkun tajjeb jekk il-Kunsill jagħti aktar promozzjoni għal-attivitajiet li jorganizza bħal *Christmas Village,* l-aktar fuq programmi televiżivi.

Is-Sindku qal illi ma sarx iżjed reklamar sabiex ma tiżdiedx l-ispiża tal- attivita`.

Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa sabiex is-sena d-dieħla l-attivita` tal-*Christmas Village* tiġi organizzata flimkien mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex is-sena d-dieħla l-preparamenti tal-attivita` tal-*Christmas Village* jibdew minn qabel.

Is-Sur John J Pace qal illi kien hemm attivitajiet oħra li nzertaw fl-istess ġranet tal-attivita`.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill wera li kapaċi jorganizza attivita` minkejja li l-attivita` ġiet organizzata fi żmien qasir. Is-Sindku qal illi is-sena d-dieħla l-attivita` tal-Christmas Village

ser tiġi organizzata f'Misraħ is-Sliem u ser tittella fuq jumejn minflok tlett ijiem. Barra minn hekk il-parteċipazzjoni ma tkunx biss għall-għaqdiet Żabbarin. Is-Sindku irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv ta' l-għajnuna li taħ matul l-organizzazzjoni tal-attivita` u talab għall-aktar għajnuna mil-Kunsilliera.

Item 11 – Komunikazzjoni mis-Sindku u mill-Kunsilliera

Is-Sindku qal illi kienu qed isiru l-preparamenti biex issir l-attivita` tal-fjuri f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sindku tkellem dwar il-programm tal-1 ta' Frar, 2015 u qal illi ser issir quddiesa u wara ser isir tqegħid ta' kuruni mal-monumenti Żabbarin u serata mużiko-letterarja li ser tibda fis-7.00 ta' filgħaxija. Wara jsir riċeviment tal-okkażjoni.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-ikel għar-riċeviment ta' Jum Ħaż-Żabbar jiġi ordnat mingħand *Maypole* ta' Ħaż-Żabbar.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg il-Kunsill approva unanimament l-użu tas-siġill uffiċjali tal-Kunsill għal fuq iċ-ċertifikati li ser jiġu ppreżentati f'Jum Ħaż-Żabbar nhar il-Ġimgħa 1 ta' Frar, 2015.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat Ad Hoc kompost mis-Sur Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Brian Spiteri u s-Sur Joseph Vella sabiex jaħdem sabiex l-operat tal-Kunsill ikun aktar effiċenti, effettiv u ekonomiku.

Is-Sindku qal li kien iltaqa` mal-Perita Krista Xuereb dwar is-sular ta' fuq taċ-Ċentru Ċiviku u ippropona li l-Kunsill iressaq dan il-proġett għal-għajnuna finanzjarja bħala Proġett Kapitali fil-lokalita`. Is-Sur Joseph Vella issekonda l-proposta tas-Sindku u kulħadd qabel.

Minuti tal-Kumitat Amministrattiv

Inqraw il-minuti tas-60 u 61 laqgha tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella.

Fid-9.00 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Vella talab li jkun skużat.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal li hemm problema fid-dawl tal-monument tal-Gwerra li hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi peress illi kien hemm id-dawl kif ukoll il-funtana mhux jixgħelu. Is-Sur Joseph Buttigieg qal ukoll illi hemm xi globi tad-dawl neqsin.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fil-5 ta' Frar, 2015 kien ser iżur flimkien mas-Sindku l-anzjani Żabbarin li ma joħorġux mid-dar.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fit-12 ta' Frar, 2015 kien ser jorganizza attivita` tal-anzjani għall-okkażżjoni ta' Jum San Valentino.

Is-Sur Joseph Bonnici talab li ssir bandiera ġdida fi Pjazza Medjatriċi minflok dik li hemm peress illi din m'għadhiex f'kundizzjoni tajba.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex il-Kunsill jitlob lil Transport Malta kopja tal-permess ta *reserved parking* li hemm fi Triq Santa Marija.

Is-Sur Mark Grech staqsa f'hiex kien wasal il-proċess sabiex tinxtgħel il-bozza ġdida li kienet twaħħlet fi Triq l-Istellarju. Is-Segretarju wieġeb li kienet saret l-applikazzjoni biex din il-bozza tinxtgħel.

Is-Sur Mark Grech reġa talab sabiex titwaħħal tabella fi Triq iċ-Ċimiterju li tindika Triq l-Għadiba u Triq il-Kaħwiela peress illi din it-tabella kienet għada ma twaħħlitx.

Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fil-ġranet li ġejjin kienu ser isiru laqgħat informattivi fis-sala tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Is-Sinjura Anna Calleja reġgħet qalet li kien twaħħal arblu ġdid fi Triq in-Newl iżda l-bozza kienet għada mwaħħla mal-arblu l-qadim.

Is-Sur Joseph Bonnici semma l-bżonn li Triq il-Ġilju tingħata wiċċ ġdid bil-konkos.

Is-Sur Joseph Agius qal illi fi Triq Tumas Dingli ma Triq l-Iskola kien hemm *yellow line* fil-kantuniera li kien itwal minn ħames metri. Is-Sindku qal illi s-sinjal kien bil-permess ta' Transport Malta.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex il-pjanu li hemm fis-sala tal-Kunsill jiġi intunat u ssirlu t-tiswija li hemm bżonn.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jinbidlu l-ħinijiet tal-*loading / unloading bay* li hemm fi Triq Tumas Dingli ma Triq is-Santwarju u li l-ħinijiet ta' filgħodu minflok mid-9.00 ta' filgħodu isiru mis-6.00 ta' filgħodu.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jiġi mtawwal il-*yellow line* li hemm fi Triq is-Santwarju ħdejn il-monument ta' Agatha Barbara sabiex ma jipparkjawx vetturi quddiem ir-rampa.

Is-Sur Joseph Agius semma l-bżonn li Triq il-Knisja tingħata l-konkos.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex tiġi rranġata parti minn Triq Bajada peress illi kien hemm xi residenti li qed jidħlilom l-ilma tax-xita. Is-Sur Agius talab li ssir katusa fil-bankina sabiex jonqos l-ilma tax-xita.

Is-Sur Joseph Agius qal illi ma kienx qed isir xogħol tajjeb ta' tindif fi Triq Bajada u li din it-triq trid tinkines b'mod aktar regolari.

Is-Sur Joseph Agius staqsa f'hiex wasal il-proċess tax-xogħol propost li jsir fil-bandli fi Ġnien il-Kunsill. Is-Segretarju qal illi fi żmien qasir kienet ser tinħareġ sejħa għal-offerti u li kien ser jiġi iffirmat il-kuntratt mal-MEPA sabiex tingħata għajnuna finanzjarja ta' €100,000 mill-*Urban Improvement Fund.*

L-Ambaxxatiċi taż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil talbet sabiex waqt il-laqgħa tal-Kunsill tingħata ċ-ċans li titkellem fil-bidu tal-laqgħa.

L-Ambaxxatiċi taż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil qalet li kienet intbgħatet email mill-Kunsill Lokali Żgħażagħ sabiex il-proġett propost minnhom tal-Park Reġjonali isir xorta waħda.

Is-Sinjorina Busuttil qalet li kienet ser issir laqgħa għas-Sindki u l-Ambaxxaturi sabiex jiġu diskussi l-irwoli tal-Ambaxxaturi taż-Żgħazagħ.

Is-Sinjorina Busuttil qalet illi l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ kien ser jipparteċipa f'*Erasmus Student Network.*

L-Ambaxxatiċi taż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil qalet ukoll li l-Kunsill taż-Żgħażagħ kien qiegħed jgħin ukoll biex jiġi rranġat iċ-Ċentru Ink.

Is-Sur John J Pace reġa talab sabiex tinżebaħ mill-ġdid ir-*reserved parking* li hemm maġenb il-knisja.

<u>Item 11 - Aġġornament</u>

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 16 ta' Frar, 2015.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-445 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 16 ta' Frar, 2015.

Marc Vella Bonnici
Sindku